TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 506/11 (JE).

Monica Gaglione

vs

Kenneth Camilleri eżerċenti l-kummerċ bħala Mr Lee.

Illum, 22 ta' April 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Monica Gaglione tad-29 ta' Novembru 2011 fejn qalet illi l-konvenut mar id-dar tagħha sabiex japplika l-"liquid membrane" fuq il-bejt. Il-"membrane" ġiet applikata mingħajr ma ġie mnaddaf il-bejt miż-żebgħa mqaxxra illi kellu. L-attriċi ġibdet l-attenzjoni tal-ħaddiema illi kienu qegħdin fuq il-lant imma huma sostnew illi kienu qed isegwu l-istruzzjonijiet tal-imgħallem tagħhom. L-għada l-"membrane" bdiet ittella' l-bżieżaq li jinfaqgħu mill-ewwel. L-attriċi lmentat mal-konvenut illi qalilha illi kien ser jittawwal fl-ewwel ta' Diċembru li għaliha ma kienx aċċettabli.

Ra r-risposta tal-konvenut illi fiha rrespinġa t-talbiet attriċi in toto peress illi x-xogħol imwettaq mill-konvenut sar skont is-sengħa u l-arti.

Ra illi fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2013, l-attriċi nfurmat lit-Tribunal illi l-konvenut kien irranġa dawk il-partijiet tal-bejt fejn il-membrane ma kienetx imqiegħda sew imma m'aċċettax illi jħallas € 250 illi l-attriċi nefqet sabiex tirranġa s-saqaf tal-entrata u ta' taħt it-terrazzin.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attriċi qiegħda ssostni illi kellha twettaq xogħol ta' tikħil u żebgħa peress illi nkixfet ix-xibka ta' saqaf ta' terrazzin li kellu xi tnax-il sena meta għamlet l-ewwel xita wara x-xogħol tal-waterproofing imwettaq mill-konvenut. Il-konvenut sostna illi prova ta' dawn l-ispejjeż ma sarietx u s-saqaf zgur waqa' minħabba infiltrazzjoni ta' ilma illi saret qabel ix-xogħol imwettaq mill-konvenut, liema xogħol sar appuntu sabiex jaqta' tali infiltrazzjoni ta' l-ilma.

It-Tribunal jidhirlu illi l-attriċi ma' ġabietx provi suffiċjenti in sostenn ta' dak allegat minnha u illi l-kontestazzjoni tal-konvenut tagħmel ħafna sens. Wieħed ma jifhiemx kif appuntu x-xibka waqgħet

eżatt wara illi għamlet l-ewwel xita wara illi ħażin jew tajjeb sar il-"membrane". Fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma resqet l-ebda prova teknika illi ssostni dak allegat minnha u l-anqas prova dwar l-ispejjeż illi hija allegatment nefqet.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet attriċi. Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.